MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

**GUDIKATUR DR.
GRIMA EDWINA**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1821/2002

***John Lentini ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Massimo Borg sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Massimo Borg***

***vs***

***Ramona Preca***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Lulju, 2002, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur nomine et s-somma ta' tmienja u disghin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm98.25c), jew somma ohra verjuri, rappresentanti danni sofferti mill-atturi fl-incident awtomobilistiku tal-21 ta' Lulju 2001 f'St. Andrews bejn vettura bin-numru ta' registrazzjoni ONE 983 misjuqa mill-konvenuta u proprjeta' ta' Charles Preca u vettura bin-numru ta' registrazzjoni RIT 696 misjuqa

minn u proprjeta’ ta’ l-attur Massimo Borg, u dana peress illi l-imsemmi incident sehh unikament tort tal-konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi Lm6 tal-konsult, u dawk ta’ l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma’ l-avviz kontra s-socjeta’ assikuratrici tal-konvenuta u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta.

Ra li l-konvenuta debitament notifikata baqghet ma dehritx u l-anqas ma pprezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ l-avukat Dr. Neville Camilleri ghan-nom tal-attur nomine et., li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz baqa’ dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti u cioe’ Dokumenti JL1 sa JL5, konsistenti f’prospett tad-danni, *front to rear collision form*, *survey report*, fatturi tal-hsarat ikkagjonati u ricevuta ta’ l-*excess* imhallsa mill-attur Massimo Borg.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tmienja u disghin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm98.25c), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi Lm6 tal-konsult u dawk ta’ l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma’ l-avviz kontra s-socjeta’ assikuratrici tal-konvenuta ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**